**KUNSILL LOKALI IR-RABAT (KLR)**

**IS-SEBA' LEĠIŻLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U DISGĦIN (95)**

**It-Tnejn, 29 ta' April 2019 fis-7.00 pm** — Data u ħin

**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **PREŻENTI:** — Attendenza

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| | Is-Sinjura Doris Coleiro | Deputat Sindku |
| | Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| | Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| | Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| | Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |
| Assenti: | Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| | Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| | Is-Sur Stephen Spiteri | Kunsillier |

Il-laqgħa bdiet fis-7.10pm u kienet ippreseduta mis-Sindku li qal it-talba.

95.01 **Qari tal-ittri ta' apoloġija**. — Qari tal-ittri ta' apoloġija

Ma kienx hemm.

95.02 **Audited Financial Statements 2018** — Audited Financial Statements

L-Audited Financial Statements ye 2018 kienu proposti mis-Sindku u ssekondati mill-Viċi Sindku Doris Coleiro u approvati b'vot unanimu.

95.03 **Fanali tad-dawl dekorattivi tal-Pjazza tal-Parroċċa u tas-Saqqajja** Fanali dekorattivi

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill Lokali ir-Rabat illi minkejja ma kienetx item fuq l-agenda peress li hija materja urġenti, jinħtieġ li jkun trattat b'urġenza r-rapport tal-offerta pubblika kif mogħti mill-Bord tal-Evalwaturi li kien disponibbli. Dan kien evalwat u l-offerta se tingħata lill-bidder li kien irrakkomandat mill-Bord biex ma nħallux il-Pjazza tal-Parroċċa u s-Saqqajja mingħajr dawl tat-toroq. Dwar din il-materja kien hemm mistoqsija mis-Sur Nazju Cassar jekk il-wires hux se jkunu mgħoddija minn taħt l-art. Ir-risposta kienet iva għaliex dawn il-lanterni mhux għoljin daqs arblu tad-dawl tal-Korporazzjoni Enemalta. Peress li kien hemm il-*concern* illi dawn kienu qed jiġrilhom il-ħsara minħabba li kienu qed jixxarbu bl-ilma, is-SE qal illi dawn jistgħu ikunu mgħoddijin permezz ta' *armoured cable*. Kien konfermat illi fuq dawn il-lanterni hemm garanzija ta' sentejn.

95.04 **Terminazzjoni tal-kuntratt eżistenti tal-ġonna u tas-soft areas.** Terminazzjoni tal-kuntratt tal-ġonna u s-soft areas

Is-SE ressaq għall-attenzjoni tal-Kunsill Lokali ir-Rabat l-ittra tat-terminazzjoni tal-kuntratt tal-ġonna pubbliċi u s-soft areas minn Galletta fejn tana ultimatum li se jaħdem sal-aħħar ta' Ġunju 2019. Dwar jekk għandhiex toħroġ sejħa pubblika mill-ġdida jew inkella induru fuq it-tieni l-aktar offerent vantaġġjuż, għandu jintalab parir mill-awtoritajiet jew persuni kompetenti

95.05 **Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart minn wara l-bibien tad-djar** Kuntratt tal-Ġbir tal-Iskart

Issemmiet il-problema tas-servizz tal-ġbir tal-iskart. Kunsillier qal illi għadna qed naraw lil kolletturi ta' trakk tal-iscammel jitfa' l-iskart minn wieħed għall-ieħor f'ċertu postijiet fir-Rabat. Dan l-abbuż jinħtieġ illi jieqaf immedjatament.

95.06 **Kuntratt tal-Latrina Pubblika ta' Bir Iljun** Kuntratt tal-Latrina Pubblika ta' Bir Iljun

Se ssir insistenza mal-kuntrattur sabiex tingħalaq il-latrina pubblika ta' Ġnien Bir Iljun. Dan għaliex hu evidenti illi qed isir ħafna abbuż minn serq ta' ilma u affarijiet oħra.

95.07 **ATM addizzjonali fir-Rabat mill-BOV** ATM addizzjonali

Dwar il-proposta ta' bini ta' ATM fl-inħawi tan-Nigret, se nsegwu l-proposta mal-Bank of Valletta filwaqt li l-Kunsill Lokali tar-Rabat jaqbel illi jidħol għal l-ispejjeż tal-bini tagħha.

### Petizzjoni dwar trasport pubbliku lejn Landrijiet

Propost trasport lejn Landrijiet

95.08 Petizzjoni li għaddiet minn residenti tal-Baħrija permezz tal-Viċi Sindku, kienet imressqa wkoll f'din il-laqgħa. Din kienet tittratta it-trasport pubblika mil-Baħrija. Il-Viċi Sindku qalet illi għal xi żmien it-trasport pubbliku tal-Baħrija kien qed jiġi ddevjat għal-Landrijiet. Dan kien qed jaħdem perfettament minkejja li din hija triq dejqa ħafna. Għaldaqstant fuq proposta tal-Viċi Sindku bis-sekondant ikun Nazju Cassar, ġie deċiż illi ssir it-talba lill-Transport Malta sabiex ix-xarabank jgħaddu minn Landrijiet fejn diġa' hemm *bus stop,* xi servizzi (alternate trips) li jkunu qed iwasslu l-passiġġieri lejn il-Baħrija.

### Talba għal reinstatement ta' triq

Talba għal reinstatement ta' triq

95.09 Issemmiet it-triq li minn Bieb ir-Ruwa tieħdok għal-Landrijiet fejn il-Korporazzjoni Enemalta kienet qed tgħaddi *high tension cable*. Intqal illi x-xogħlijiet ilhom sejrin aktar minn tliet xhur u mhu qed jersaq ħadd fuq il-lant tax-xogħol. Il-Kunsill Lokali tar-Rabat se jinsisti biex ix-xogħol jitkompla.

### Ħsarat tal-Go plc fl-Għemieri

sarat tal-Go plc fl-Għemieri

95.10 Issemmew xi ħsarat li rriżultaw mill-kumpanija *Go plc* fl-inħawi tal-Għemieri. Hawn intqal illi l-awtoritajiet ma tawx l-awtorizzazzjoni biex it-tarmak il-ġdid jinqala' u jkunu jistgħu isewwu l-ħsarat. Dan għaliex *Transport Malta* kienu għadhom kif asfaltaw it-triq. Minkejja dan, jirriżulta illi hemm xi nies mingħajr servizz.

### Lista ta' Purchase/Works Orders u Aġġornament

Lista ta' Purchase/Works Orders 10 u Aġġornament

95.11 Kienet approvata l-*Purchase/Works Order number* 10 u l-aħħar laqgħa ta' dan il-Kunsill ser issir nhar l-14 ta' Mejju 2019 fis-7.00pm u din spiċċat fit-7.45pm

| | |
|---|---|
| **(IFFIRMATA)** | **(IFFIRMATA)** |
| Magħmula minn Anthony Bonello u approvati llum 14.5.19 minn | Charles Azzopardi |
| Segretarju Ezekuttiv | Sindku |